MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 491/2010

**Anthony Zammit**
**vs**
**Joseph u Dorianne konjugi Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-19 ta’ Novembru 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuh is-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmi (€11,646.86) rapprezentanti prezz (ridott ghal fini tal-kompetenza) ta’ hames vetturi lilhom mibjugha u konsenjata skond ftehim ta’ l-ewwel ta’ Gunju tas-sena 2010 Dok. A.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-8 ta’ Lulju 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti prezentata fl-4 ta' Frar 2011 fejn eccepew is-segwenti:-

*1. "Illi fl-ewwel lok ghandu jigi ravvizat li dak li qed jintalab permezz tal-kawza odjerna huwa fil-fatt it-thassir tal-ftehim ta' l-1 ta' Gunju 2010 u mhux l-enforzar tieghu. F'dan ir-rigward in kwantu l-istess ftehim jirreferi ghall-pussess u drittijiet fuq immobbli ossia kamra gewwa l-Fgura, dina l-Onorabbli Qorti mhijiex kompetenti sabiex tisma u tiddeciedi din il-kawza skond l-Artikolu 47 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta).*

*2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess ukoll f'kaz li l-konvenut jitlob li jinhall mill-ftehim surreferit jew li l-ftehim surreferit huwa invalidu jew null, id-drittijiet tar-rikorrenti jkunu limitati ghar-restituzzjoni tal-karozzi msemmija fl-istess ftehim soggett ghall-kondizzjoni li l-partijiet jigu mqeghdin fl-i*status quo ante *qabel il-firma tal-istess ftehim.*

*3. Illi fi kwalunkwue kaz, l-esponenti ma jsibu l-ebda problema li jirritornaw il-vetturi imemmija fil-ftehim lir-rikorrenti purke' dan ipoggihom fl-*istatus quo ante *qabel il-firma tal-istess ftehim.*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz il-valur tal-imsemmija valuri skond kif dikjarat fl-avviz qed jigi kontestat. Fil-fatt il-ftehim ma' jirreferi ghal ebda valur imma biss ghal tpartit.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti m'ghandhom jaghtu xejn lir-rikorrenti.*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-affidavit tal-attur **Anthony Zammit** prezentat fid-9 ta' Marzu 2011 fejn iddikjara li huwa *dealer* tal-karozzi. Fl-1 ta' Gunju 2010 kien ghamel negozju ma' Joseph Micallef li huwa wkoll dealer tal-karozzi u ma' martu Dorianne Micallef fejn partat xi vetturi li kienu propjeta' tieghu b'zieda ta' tliet elef, hames mija u ghoxrin Ewro (€3,520) fi flus ma' kamra li fiha tletin pied fond b'sitt piedi faccata u li tinsab sitwata gewwa l-Fgura u li tidhol ghaliha minn drive-in ta' garaxx, liema kamra Micallef bdew jghidu li kienet taghhom. Dawn il-vetturi tieghu kienu: Rover

targata FAD-034, Alfa targata BOX-155, Peugot Diesel targata DBD-559, Isuzu Van targata PTL-002, u Golf convertible targata VWG-018.

Joseph Micallef kien talbu s-somma ta' hmistax-il elf mija u erbghin Ewro (€15,140) tal-kamra u wara li stmaw il-vetturi tal-attur ghal hdax-il elf, tmien mija u disghin Ewro (€11,890) huwa accetta li jzid is-somma ta' tlett elef, mitejn u hamsin Ewro (€3,250). Huma ffirmaw skrittura (Dok A mal-Avviz promotorju) u tahom il-konsenja tal-vetturi bit-transfer u bil-log book iffirmat. Micallef tawh ic-cavetta tal-kamra li kienu haduh jara u ftehmu wkoll li kellhom imorru ghand in-Nutar taghhom.

Meta l-attur tahom l-vetturi u l-logbook, Joseph Micallef qal li l-kamra ma kienetx fuq ismu izda kienet fuq wiehed jghidulu l-"Poodle" li huwa ma jafux. Qallu li kien imsiefer ghal btala go Franza ghand xi hadd li ghandu z-zwiemel u dalwaqt kien se jirritorna. Il-konvenut assigurah li kif jirritorna lura jmorru ghand in-Nutar. L-attur fdah u emmnu ghax il-konvenut kien tah in-numru tat-telefon go Franza fejn kien jinsab il-"Poodle". Il-konvenut tah ic-cavetta tal-kamra in kwistjoni.

Meta l-attur wasal id-dar cempel fuq dan in-numru u sab persuna Maltija, staqsieh ghall-"Poodle" u qallu li ma kienx hemm izda qallu biex jghaddi messagg biex icempillu lura. Dan pero' ma cempillux lura. Sadanittant l-attur iltaqa' ma' Sean Vella u nnegozja l-istess kamra mieghu ghall-prezz ta' erbatax-il elf sitt mija u disgha u sebghin Ewro (€14,679) fi flus u tah elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) in akkont. L-attur kien mar ma Sean sabiex jara il-kamra, ftehmu fuq il-prezz li semma u lil Sean tah ic-cavetta tal-kamra li kien tah il-konvenut.

Meta Sean Vella rega' mar fuq il-post sab li c-cavetta ma kinitx taqbel mal-katnazz u cempillu. L-attur mar fuq il-post u kkonferma dan u ghalhekk cempel lill-konvenut u qallu li kien hemm problema bic-cavetta imma dan assigurah li ma kien hemm l-ebda problema u fil-kaz kien lest li jaghtih cekk ta' hdax-il elf tmien mija u disghin Ewro (€11,890) u jaqtawha hemm. Micallef baghat lit-tifel tieghu jiccekja.

Sussegwentament l-attur u Sean kissru l-katnazz tal-bieb u ghamlu iehor gdid. Huma hallew in-numru tat-telefon ta' Sean ma' dan il-bieb. Wara xi jumejn Sean ikkuntatja lill-attur u qallu li kien gie sid proprju tal-kamra u dan kien spjegalu li kien xtara l-kamra minghand il-"Poodle" permezz ta' kuntratt ghand in-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech li kellha ufficcju Hal Ghaxaq. Huma marru ghand in-Nutar u uriethom il-kuntratt relattiv li kien gie pubblikat fl-10 ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li gie esebit bhala Dokument AZ1.

L-attur u Sean marru flimkien ghand il-konvenut u l-attur qallu li hemmhekk ma kellu xejn ghax il-kamra in kwistjoni kienet tal-"Poodle", li issa sar jaf li kien jismu Ian Scerri u li dan kien bieghha lil Joseph Mercieca bil-kuntratt fuq imsemmi. Lil Micallef talbu jaghtih il-karozzi lura izda hu rrifjuta u nqala' argument u l-attur akkuzah li kien iddefrodah. Kien kollu ghalxejn li Sean ipprova jipperswadi lill-konvenut li l-attur kien qed johrog ta' ragel mieghu ghax kull ma kien qed jippretendi l-attur kien li jiehu l-vetturi lura u qisu qatt ma gara xejn. Il-konvenut baqa' jsostni mal-attur li jekk irid jiehu xi haga kellu jharrku. Sussegwentament l-attur sar jaf li l-konvenut kien jaf li kien hemm problemi fil-katnazz qabel ma' sar in-negozju ghax waqt diskors li sar fil-presenza tieghu bejn Sean Vella, l-konvenut Joseph Micallef u certu Zeppi Debattista, Debattista qal lil Micallef li hu (l-konvenut) kien jaf li kien hemm problema dwar il-kamra u qatt ma kien missu ghamel negozju. L-attur ried johrog ta' ragel ma' Sean Vella u beda jirrifondih il-flus li kien tah.

**Sean Vella** xehed fid-9 ta' Marzu 2011 u spjega illi huwa jahdem bhala *car dealer.* Mistoqsi jekk jafx lill-attur, qal li jafu u gieli ghamlu negozju flimkien. Lil Joseph Micallef jafu wkoll u gieli ghamel negozju mieghu. Spjega li kien jaf li Joseph Micallef kellu kamra l-Fgura u li kienet ghall-bejgh. Huwa jaf li kemm-il darba qalulu biex jixtriha pero' qatt ma ftiehem mieghu fuq prezz. Sussegwentement jaf li raha Anthony Zammit u li effettivament xtraha minghand Joseph Micallef. Qallu kemm kien xtraha u kien lest li jghaddiha lilu jekk ix-xhud jaghtih xi haga ghalih. Fil-fatt

ftiehem mieghu u tah is-somma ta’ elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300).

Ix-xhud tah is-somma ta’ elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) bhala deposit u spjega illi qabel ma taghhomlu kien cempel lil Joseph Micallef u staqsih  jekk kollox kien sewwa u jekk kellux pjacir jaghmel il-bejgh finali mieghu u qallu li ma kellux problema dwar dan. Sussegwentement kien rega’ mar ma’ Anthony Zammit biex jara din il-kamra u jaf li kien hemm katnazz fuq il-bieb ta’ din il-kamra u Anthony tah kopja tac-cavetta u mar jumejn wara u sab li l-katnazz kien inbidel. Ghamel it-telephone number tieghu mal-bieb u rega’ ghamilha *for sale* u jaf li meta ra’ li l-katnazz kien inbidel rega’ cempel lil Anthony Zammit u dan qallu biex ma jinkwieta xejn u li hu kien ser imur hemm.

Anthony Zammit kien ghadda ghal Joe Micallef u kien gab it-tifel tieghu fuq il-post u regghu bidlu l-katnazz u t-tifel ta’ Micallef qal jekk kien hemm xi problema jirrangawha. Qallu li huwa kien biegh il-kamra ghas-somma ta’ sitt elef u hames mija liri Maltin (Lm6,500) lil Zammit. Jaf illi l-ghada kien cempillu persuna peress illi kien halla t-telephone number tieghu u staqsih kif kien qed jipprova jbiegh dan il-post meta l-post huwa tieghu. Huwa jaf li hemm hekk kien ltaqa’ ma’ ragel u qallu li l-post kien xtrah hu u qallu li kien ghamel il-kuntratt xi xahar qabel.

Ghalhekk rega’ mar ma’ Anthony Zammit  ix-*showroom* ta’ Joe Micallef  u qal illi Joseph Micallef baqa’ jghidilhom biex ma jinkwetaw xejn ghaliex kien ha jirranga hu. Jaf li kien sar xi tpartit bejn Anthony Zammit u Joseph Micallef u kien mar ikellem lil Joe Micallef u qallu li Anthony Zammit kien lest li jiehu l-karozzi lura li kien partat biex il-kwistjoni tieqaf hemm. Pero’ jaf illi Joseph Micallef ma accettax.

Mistoqsi jekk hax xi flus lura minghand Zammit, qal li sal-lum ‘il gurnata ha biss  nofshom. Mistoqsi kemm ilu li sehh dan l-incident, wiegeb xi sitt (6) xhur ilu. Mistoqsi kemm kien il-prezz ta’ din il-kamra, tenna li ma jafx kemm kien pero’ ghandu karta d-dar. Huwa esebixxa l-iskrittura li kien

iffirma huwa flimkien ma' Anthony Zammit dwar il-bejgh ta' din il-kamra u fiha hemm indikat il-prezz li kien ser jixtri din il-kamra. Dan id-dokument gie mmarkat Dok X. Mistoqsi jekk rax xi kuntratti qabel ma ffirma din l-iskrittura Dok. X, qal li le. Ikkonferma li qabel ma ta l-elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) lil Anthony Zammit kien sahansitra anke vverifika ma' Joseph Micallef bit-telephone. Micallef ikkonfermalu li ma riedx jaghti lura l-karozzi lil Anthony Zammit.

**Joseph Mercieca** xehed fit-12 April 2011 fejn ikkonferma illi huwa kien xtara kamra formanti parti minn blokk bl-isem The Palace, accessibbli minn drive-in li taghti ghal fuq il-Qronfol, Fgura u dan skond kuntratt redatt minn Dr Ritienne Bugeja Fenech tal-10 ta' Gunju elfejn u ghaxra. Huwa kien ghamel konvenju qabel il-kuntratt. Huwa esebixxa kopja ta' dan il-kuntratt li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z. Qal li kien xtara l-kamra minghand Caroline Scerri li dehret kemm f'isimha u in rapprezentanza ta' zewgha Ian Scerri. Dan il-kuntratt gie mmarkat bhala Dokument CSH. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-konvenju li giet mmarkata bhala Dokument CSH1.

Kienet persuna ohra li laqqghet ix-xhud ma' Caroline Scerri li bieghtlu l-kamra in kwistjoni. Huwa effettivament kien ghamel kuntatt maghha u ghamel il-konvenju u gie moghti c-cwievet ta' din il-kamra. Wara li saru r-ricerki ghamlu l-kuntratt. L-ewwel darba li ra l-kamra kellha bieb bil-katnazz. Din il-mara taghtu kopja tac-cavetta u b'hekk kellu access liberu. Effettivament wara li huwa kien xtara din il-kamra, il-bieb kien inkiser tliet darbiet u sussegwentement sab ukoll numru mal-hajt. Huwa cempel dan in-numru u qalilhom. Huwa jaf li kienu xi dealers tal-karozzi li kellmuh u x-xhud kien qalilhom li huwa kien sid din il-kamra li kien xtara. Kien sahansitra anke tahom informazzjoni min kien ghamel il-kuntratt relattiv. Huwa wriehom li kollox kien sar kif suppost u minn dakinhar lil hawn ma kienx hemm iktar problemi. Il-katnazz mal-bieb inkiser jew kissruhuli wara li kien ghamel il-kuntratt.

Mistoqsi jekk jafx lill-konvenut jghid illi ma jafx jekk giex meta huwa tkellem ma' dawk il-*car dealers* biss waqt ix-xhieda tieghu qal illi mhux qed jaghrfu. Huwa kkonferma li ra lill-attur fuq il-post. Is-Sinjura Scerri kienet qaltlu li zewgha Ian kien qed jahdem barra minn Malta u kellha taghmel kuntatt mieghu bil-mobile. Id-dokument CSH1 mhuwiex il-konvenju izda hija l-prokura li kienet taghtu n-Nutara. Huwa minghand min xtara l-kamra ma jafhomx u ghalhekk fejn kien dan Ian Scerri ma jafx lanqas. Meta mar jara din il-kamra kienet l-istess Caroline Scerri li fethitlu. Huwa jaf li hija kellha xi cwievet u fethet il-katnazz bic-cavetta. Huwa jaf li bejn il-konvenju u l-kuntratt ghaddew xi xhur.

**<u>Caroline Scerri</u>** xehdet fit-12 ta' April 2011 fejn ikkonfermat illi hija kienet bieghet kamra groundfloor level formanti parti minn blokk bl-isem The Palace. Hija kienet dehret fuq dan il-kuntratt ghan-nom taghha kif ukoll tar-ragel taghha Ian Scerri li dak iz-zmien kien fil-fatt jahdem barra minn Malta. Hija sseparat minn mar-ragel taghha u ma taf xejn fejn qieghed u ma tafx meta gej Malta. Kienu ghaddew xi xahrejn, tlieta bejn il-konvenju u l-kuntratt. Hija ddikjara li ma kinitx marret tiftah il-kamra biex turiha lil Joseph Mercieca. Hija stqarret li kien il-habib tar-ragel taghha li kien mar jiftah il-kamra u kien dan li ssuggerixxa lil Joseph Mercieca biex icempilla. Din il-persuna hija Jonathan Vella u joqghod bejn Hal Tarxien u l-Fgura.

Ix-xhud iddikjarat li taf il-kamra in kwistjoni sew ghax qieghda taht id-dar taghha u gieli marret fiha. Hija kellha xi madum f'din il-kamra li nehhietu qabel ma' sar il-kuntratt. Hija kienet dahlet tpoggi dan il-madum permezz ta' cavetta. Taf li r-ragel taghha kien halla cavetta ma' Jonathan Vella qabel ma mar Franza. Hija stqarret li meta marret biex tigbor il-madum ma setghetx tiftah il-katnazz u ghalhekk taghtu daqqa u fethet. Hija taf li wara Mercieca kien fetah hu bic-cavetta li kellu. Hija ma tafx b'liema cavetta kien fetah imma taf li kienet taghtu xi cwievet.

Mistoqsi meta hi sseparat minn mar-ragel qalet li kien fl-ahhar ta' Jannar tal-2011. Hija kienet bdiet biex tissepara f'Awwissu/Settembru tal-elfejn u ghaxra (2010). Il-prokura

ma baqghetx valida bi ftehim bejniethom. Ir-ragel taghha jghix Franza u kien nizel Malta biex jiffirma l-kuntratt tas-separazzjoni. Mistoqsija jekk kienx hemm xi negozjati ohra fuq din il-kamra ma' terzi persuni wiegbet illi le ma kienx hemm sa fejn kienet taf hi. Hija kkonfermat illi taf minn wiccu lil Joseph Debattista maghruf bhala l-Bloqq ghax ikun fit-triq fejn tahdem hi. Zewgha kien ikun hemmhekk hdejh. Ir-ragel taghha qatt ma' qallha li kien ghamel xi negozju ma' dan Debattista dwar il-post.

Ix-xhud taf li darba minnhom fis-sajf kienet giet il-konvenuta flimkien ma' binha jew ragel tat-tifla taghha u bdew jaghjtu maghha u jghidulha b'liema dritt hija bieghet hwejjeg ir-ragel. Hija qalet li din kienet heddidtha. Ix-xhud ma tafhiex u qatt m'ghamlet negozju maghha. Hija qatt m'ghamlet negozju ma' dan Debattista maghruf bhala l-Bloqq. Hija stqarret li ghandha ma gewx flus u ma tafx jekk ghaddewx ghand ir-ragel taghha jew le.

**<u>Jonathan Vella</u>** xehed fil-25 ta' Mejju 2011 u qal li huwa fin-negozju u ghandu hanut taz-zraben. Huwa stqarr illi kull filghodu kien iwassal lit-tifel tieghu l-iskola l-Fgura u kien jiltaqa' ma' Ian Scerri peress li ghandu tifel imur l-istess skola tat-tifel tieghu u kienu saru hbieb. Darba minnhom qallu li kellu store l-Fgura u jekk kienx jaf lil xi hadd interessat biex iressaqulu.

Qal ukoll li huwa kellu garaxx għal bejgh li kien proprjetà tieghu u dan gewwa s-Swatar u kien gie jarah persuna però ma kienx interessat fil-garaxx tieghu, kien talbu garaxx il-Fgura u kien qallu li l-habib tieghu kellu garaxx il-Fgura. Effettivament kien mar jara dan il-garaxx u fil-fatt kien hu stess li hadu jarah ghax kellu c-cavetta. Kien interessat u spicca ghamel il-kuntratt. Jikkonferma li dan l-istore kien formanti parti minn blokk bl-isem “The Palace,” accessibbli minn drive-in ghal fuq Triq il-Qronfol, il-Fgura.

Huwa kien imbaghad cempel lil dan Ian, sid il-post li kien qiegħed Franza, qallu li kien hemm persuna interessata u staqsih kif kien se jaghmel biex ikellmu u qallu biex itih it-telephone number tal-mara tieghu, Caroline, u kellu

jitkellem maghhom. Dan sussegwentament kien xtrah però d-dettalji ezattament x'gara ma jafx.

Mistoqsi jekk jafx lill-konvenut, Joseph Micallef, qal illi le, ma jafux u lanqas lill-attur Anthony Zammit ma jaf. Tenna li c-cavetta tal-post kien tahielu Ian Scerri qabel ma effettivament kien siefer. Jekk ma kienx sejjer zball, Ian kien hadu jara dan il-post l-ewwel darba f'Dicembru tas-sena 2009. Meta hadu Scerri kellu xi tlett ċwievet f'idejh. Fetah il-garaxx, urihulu u tah kopja tac-cwievet li kellu, però lilu qatt ma bidilhielu; dejjem l-istess cavetta zamm. U meta mar juri l-garaxx lil min effettivament xtrah, kien fethu bl-istess ċavetta li kellu. Lilu hadd qatt ma qallu li kien hemm xi hadd iehor li seta' kellu l-pussess tal-fond.

Ix-xhud jiftakar li xi xahrejn wara kien cempillu persuna maghrufa bhala l-Bloqq, li jbiegh il-karozzi, u staqsih jekk kienx biegh xi karozza lil Ian, u qallu iva. Staqsieh min kien tah c-cavetta tal-garage il-Fgura u kien qallu li kien tahielu Ian stess. Staqsih jekk kienx jaf min hu, qallu le ma jafux u dan wiegbu li hu mlaqqam il-Bloqq, qallu li gieli sema' bih però ma kienx jaf min hu. Qal li lil Ian kien qallu li kienet cemplitlu din il-persuna l-Bloqq. Ian kien qallu biex ihalli f'idu, u hekk ghamel. Ian Scerri però qatt ma kien qallu li rcieva telefonati minghand Joseph Micallef li jbiegh ukoll il-karozzi. Sa fejn kien jaf ix-xhud, dan il-hin kollu Scerri kien qieghed barra minn Malta.

**<u>Joseph Mercieca</u>** nhar il-25 ta' Mejju 2011 rega' xehed u qal illi huwa sar jaf li kien hemm dan il-ground floor ghall-bejgh mill-internet. Però meta ghamel kuntatt mal-persuna koncernata din qaltlu li ma kinitx sensar kienet biss kemm biex tbiegh dan il-post. Fil-fatt qal li ma kienx jafha u lanqas ma iltaqa' maghha. Kienet l-istess persuna li ghadha kif harget barra mill-Awla li l-Qorti qed tinformah li jisimha Jonathan Vella. Fil-fatt esebixxa kopja ta' card li din il-persuna taghtu u din giet immarkata bhala dokument "Z". Huwa lil Caroline Scerri jafha biss in konnessjoni ma' dan in-negozju li ghamel maghha fuq ix-xiri ta' din il-kamra, ovvjament kien iltaqa' maghha ghal konvenju kif ukoll wara ghall-kuntratt.

Huwa esebixxa kopja tal-konvenju li gie mmarkat bhala dokument “Z1”. Spjega pero’ li wara li xtara il-post kien sab numru sprejjat mal-hajt u fil-fatt kienu sgassaw il-bieb. Huwa cempel dan in-numru li kien hemm u sussegwentament kienu marru fuq il-post xi nies fosthom l-attur li qed jaghraf prezenti fl-Awla. Qal ukoll li mhuwiex mija fil-mija cert li l-attur kien wiehed minn dawn in-nies.

Ix-xhud tenna illi kienu biddlu c-cavetta tal-fond u fosthom jahseb li kien hemm l-attur, insista maghhom li jinghata kopja ta’ din ic-cavetta. Dak il-hin ma tawilhux però mbaghad cempillu sabiex imur u jtuh kopja gdida. Fil-fatt hekk kien gara. Fil-fatt meta kienu marru fuq il-post ma kellux x’jahbi u kienu staqsewh hafna dettalji, fosthom il-prezz, minghand min kien xtara il-kamra, u kliem bhal dan u qalilhom kollox, sahansitra anke isem in-nutar fejn ghamel il-kuntratt.

Qal illi fost l-affarijiet li qalulu staqsewh jekk kienx lest li jiehu lura il-flus li kien hallas. Mistoqsi meta ezattament kien mar jiltaqa’ ma’ dan Jonathan Vella ghall-ewwel darba wiegeb li kienu ftit jiem qabel ma effettivament ghamel il-konvenju. Il-konvenju sar fit-8 ta’ April 2010. Mistoqsi jekk effettivament setax kien hemm gimghat, qal li ma jahsibx, però m’huwiex ezatt. Meta xtara l-post jew ahjar ghamel il-konvenju beda jahdem fil-post u jaghmel ix-xoghlijiet.

Huwa kien imur fil-post regolarment u Caroline Scerri kellha xi affarijiet hemmhekk u kien jifthilha biex tohodhom ukoll. Huwa nghata kopja tac-cavetta tal-post meta ffirma il-konvenju u kien imur regolari. Qal li z-zebgha fuq il-hajt sabha hemm wara li effettivament ghamel il-kuntratt. Tenna illi darba minnhom wara li kien xtara l-post kien mar u sab il-katnazz imkisser, u kien bidlu. U darb’ ohra kien sab katnazz iehor u dawn iz-zewg okkazjonijiet sehhew wara li jien kien ghamel il-kuntratt finali. Kien sab l-isprej mal-hajt gimghat wara li ghamel il-kuntratt.

Rat l-affidavit ta’ **Dorianne Micallef** ipprezentat minnha stess fis-16 ta’ Gunju 2011 fejn iddikjarat illi n-negozju li kien sar bejna u bejn zewgha fuq naha wahda u bejn

Anthony Zammit fis-sens illi huma kellhom ibieghulu kamra li tinsab fil-Fgura. Huwa kellu jitrasferixxi lilhom hames karozzi u maghhom izid is-somma ta’ tlett elef, mitejn u hamsin Ewro (€3,250) permezz ta’ kambjala sottoskritta minnu, datata 1 ta’ Gunju 2010 u li kellha tigi mhallsa sa sena wara (Dok. A). Huma kienu nfurmawh li l-kamra ma kienetx fuq isimhom pero’ kienu fi ftehim mas-sid li jbieghuha. Lil Anthony Zammit huma tawh ukoll id-dettalji tas-sid li hu Ian Scerri. Hija taf illi l-attur kien cempel lil Ian Scerri fi Franza u dan ikkonfermalu li setghu jghaddu ghall-firem tal-kuntratt. Irrizulta pero’ li s-sid biegh il-kamra lil terzi. Sussegwentament l-attur ried iregga n-negozju lura u kien hemm qbil dwar dan. Pero’ l-attur ma riedx jiehu l-karozza lura u jhassar il-kambjala izda ried li jhallsuh is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000). Hija qalet illi biex l-attur jigi fis-sitwazzjoni li kien qabel huwa kellu jiehu l-karozzi lura u tithassar il-kambjala jew inkella seta’ jithallas il-valur tal-vetturi fis-suq skond kif determinati minn surveyor. Anness mal-affidavit hemm *survey report* fuq il-vetturi relattivi bil-valur taghhom kif stmat mis-surveyor Anthony Vassallo (Dok. B-F). Ma kien hemm ebda deprezzament fil-valur tal-vetturi mill-mument illi dawn ghaddew ghandhom sa meta offrewhom lura lill-attur.

Hija ddikjarat li hi u zewgha mill-bidu nett kienu offrew lil Zammit li jiehu lura l-karozzi tant illi zewgha stqarr dan meta gie nterrogat mill-Ispettur Ivan Cilia fis-7 ta’ Settembru 2010. Dan kien qal lill-Pulizija li huwa kien qal lill-attur biex jigbor il-karozzi lura. Anness mal-affidavit hemm l-istqarrija ta’ zewgha datata 7 ta’ Settembru 2010 li hi mmarkata bhala Dok. G.

Nhar it-13 ta’ Lulju 2011 xehed **Joseph Micallef** in kontro-ezami u kkonferma li kien xtara l-kamra in kwistjoni minghand persuna maghrufa bhala ‘Il-Bloqq’ u kien ghaddhiela s-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm 5,000). Huwa kien ser ipartat din il-kamra ma’ Anthony Zammit skont il-ftehim esebit a fol 2, b’zieda però apparti l-hemm imsemmija ta’ tlett elef, mitejn u hamsin Ewro (€3,250). Fil-fatt, naturalment, kien bi hsiebu jaghmel profitt meta jbiegh il-kamra, però m’ghamilx.

Huwa ghandu ricevuta tal-Bloqq fis-sens li huwa tah il-konkos fis-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm 5,000) u ghandu ricevuti tal-konkos. Qal li kitba fuq il-kamra ma ghandux ghaliex ma kienx jaf li fejn jidhol bini trid isir ftehim bil-miktub. Jaf li ghamel kitba mal-attur biex ibieghlu din il-kamra – il-kitba li hemm a fol 2. Il-Bloqq kien tah l-voucher tal-konkos u kien hadu jara l-kamra. Skrittura dwar din il-kamra mal-Bloqq però m’ghamilx. Konvenju m’ghamilx, la mal-Bloqq u lanqas ma’ Zammit.

Ix-xhud jichad dak li gie allegat lilu li s-sur Zammit talbu lura l-karozzi. Qal li dak li qed jghid Sean Vella mhux vera. Huwa minnu pero’ li kien cempel lil Ian Scerri meta kien qieghed barra minn Malta u meta kellem lil dan Scerri dan qatt ma’ qallu li kien biegh il-kamra lil haddiehor. Il-karozzi in kwistjoni qeghdin f’ghalqa hdejn il-karozzi tieghu stess.

Il-kambjala in kwistjoni ta’ tlett elef mitejn u hamsin lira maltin (Lm3,250) imsemmija fid-dokument 2 tinsab fil-pussess tieghu u mhux ser itiha lill-attur jekk dan ma jhalsux taghha. M’huwiex qed jippretendi hlas taghha però. Li Anthony Zammit qed jippretendi hu li jmur jigbor hwejgu u huwa cert li l-hamest elef Lira konkos li ta lil Bloqq mhux se jigborhom. Lill-Bloqq ma fittxux ghall-flus. Il-Bloqq jismu Debattista u dan huwa minn Hal Qormi. Il-Bloqq ibiddel l-indirizz ta’ spiss u jaf li kellu xi showroom però ghalqu ghax m’hu qed ihallas lil hadd.

Nhar it-13 ta’ Lulju 2011 xehdet **Dorianne Micallef** in kontro-ezami fejn iddikjarat illi hija kienet prezenti ghan-negozju li sar bejn l-attur u l-konvenut zewgha. Kienet prezenti wkoll meta r-ragel taghha ghamel in-negozju fuq il-kamra mal-Bloqq. Il-kamra in kwistjoni r-ragel taghha kien xtraha u kien hallas taghha is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) f’konkos li kien xtara minghand ic-Caqnu. Huwa m’ghamiltx konvenju dwar il-kamra. Il-kamra kien ser ibieghha erbat elef u hames mija Maltin (LM4,500) lil Zammit.

Hija tghid illi f'dan il-kaz ma sarx kitba, la bejn il-Bloqq u lanqas bejn il-konvenut u Anthony Zammit. Taf li darba minnhom kien mar Sean Vella x-showroom u qalilha li huwa ma kienx biegh l-ebda vettura taghhom, u qalilha li huma ma bieghulu xejn. Zammit mar ix-showroom taghhom u qalulu li jekk ried seta' jiehu l-karozzi lura. Però huwa ma riedx il-vetturi; ried biss il-flus. Lis-Sur Scerri kienet cemplitlu. Qallha li ma kien hemm ebda problemi u li kien gej Malta tlett (3) xhur ohra u kien lest li jdawwar il-kamra fuqhom.

Lilha Ian qatt ma semmielha lil Mercieca. Taf li dak iz-zmien kien ghaddej minn separazzjoni minn mal-mara u jekk hu u l-mara fthemu b'mod differenti  ma taf xejn dwar dan. Ikkonfermat illi llum il-gurnata l-karozzi jinsabu f'ghalqa proprjetà taghhom vicin tad-dar. Qalet illi r-ragel taghha  kien wegga' u kien sahansitra biegh ix-showroom. Il-karozzi li fadlilhom jinsabu fl-ghalqa ukoll ma' dawk ta' Anthony Zammit.

Il-kambjala ghadha ghandha u sakemm tinqata' l-kawza tal-Qorti ma tafx x'ghandha taghmel biha u ghalhekk zammitha. Hija ma ghamlet l-ebda depozitu l-Qorti però l-kambjala qieghda ghandha. Il-Bloqq m'ghandu xejn u ma jidrilhiex li ghandha tahli spejjez gudizzjarji kontra tieghu l-Qorti ghax m'ghandux x'tohodlu, però taf illi l-konkos il-Bloqq hadu. Qalet li qatt ma marret fid-dar tieghu però taf li kellu showroom hdejn tas-Serkin, Hal-Qormi.

**PC 1579 Johan Mifsud** xehed fis-7 ta' Marzu 2012 fejn ra l-istqarrija esebita f'dawn l-atti, liema stqarrija giet rilaxxata minn Joseph Micallef, u fuq din l-istess stqarrija ix-xhud gharaf il-firma tieghu kif ukoll tal-Ispettur Ivan Cilia. Ikkonferma li Joseph Micallef huwa l-konvenut odjern, u li din l-istqarrija giet rilaxxata wara li l-istess Joseph Micallef inghata is-soltu twissija skond il-ligi. Naturalment, x'komunikazzjoni kien hemm diretta bejn Joseph Micallef u l-Ispettur Cilia ma jistax jghid pero' quddiemu qatt ma' ngab 'voucher' ta' hamest elef liri Maltin. Iktar milli hemm imnizzel fl-istqarrija, ix-xhud qal li ma jafx ghax ma kienx prezenti waqt l-investigazzjoni. L-investigazzjoni saret mill-ex spettur  Ivan Cilia u Mifsud

kien xhud minn dak li ntqal quddiemhom. Jista' jikkonferma pero' li l-kuntratt ma kienx hemm ghaliex hekk jirizulta mill-istqarrija.

**Anthony Vassallo** xehed ukoll fis-7 ta' Marzu 2012 fejn stqarr li huwa minnu li ghamel stima fuq hames vetturi fuq inkarigu ta' Joseph Micallef. Gie muri dokument esebit fl-atti at fol 55 sa 64 u ikkonferma li dan huwa r-rapport redatt minnu. Ikkonferma wkoll li s-survey sar minnu fis-16 ta' Marzu 2011. Qal li l-karozzi kienu mizmuma f'ghalqa gewwa l-Mosta. Mistoqsi jghid x'valur kien jaghti ghal dawn il-vetturi kieku rahom fl-istess kundizzjoni disa' xhur qabel, jirrispondi li kien jaghmel referenza ghal 'guide book' li johrog kull sena. Ghalhekk qal li peress li dan il-ktieb johrog darba fis-sena il-valur kien ikun l-istess. L-istima saret fis-sena elfejn u hdax (2011). Tenna li llum il-gurnata huwa irtira u l-'guide book' ma ghadux ghandu. Pero' ser jipprova jakkwista kopja minghand tal-assigurazzjoni. Mistoqsi jekk ikunx hemm differenza jekk il-karozzi jinzammu fit-triq jew f'ghalqa jghid li fil-fehma tieghu id-deterjorazzjoni jekk ikun hemm tkun l-istess, id-differenza tkun jekk dawn il-karozzi jinzammu maghluqa f'xi garaxx. Qal li meta il-vettura ma' tintuzax ikun hemm problema fil-batteries u dan indikah fir-rapport tieghu. Spjega li f'perjodi ta' disa' (9) xhur il-karozzi jibqghu tajbin. Iwieghed li fis-seduta li jmiss jaghti valur ta' dawn il-vetturi kif kienu fis-sena elfejn u ghaxra (2010). Naturalment skond il-'guide book'.

**Anthony Vassallo** riprodott in kontro-ezami nhar it-22 ta' Marzu 2012 iddikjara li in segwitu tax-xhieda tieghu precedenti huwa kellu jaghmel xi verifiki dwar valuri ta' vetturi mis-sena 2010 u l-valur taghhom illum. Huwa ghamel 'statement' sabiex jispjega il-prezzijiet tal-vetturi li hemm indikati. Dan l-'istatement' gie pprezentat u kkonfermat minnu, u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument AV. Ikkonferma li d-deterjorazzjoni li ssir fil-vettura li tinzamm f'ghalqa u dik li tinzamm fit-triq hija l-istess, ghaliex huma esposti ghall-elementi naturali.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur pprezentata fl-ati nhar is-16 ta’ April 2012 u dik tal-konvenuti pprezentata fl-atti nhar it-30 ta’ April 2012.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob lill-konvenuti ihallsuh is-somma pretiza fir-rikors promotur u cioe’ l-ammont ta’ hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86) rapprezentanti prezz ta’ hames vetturi lilhom mibjugha u konsenjati minnu skond il-ftehim ta’ l-1 ta’ Gunju 2010 (Dok A). Il-konvenuti minn naha l-ohra qed jecepixxu fl-ewwel lok li din il-Qorti mhix kompetenti *ratione materiae* filwaqt li fit-tieni lok qed jghidu li l-ftehim huwa invalidu u ghalhekk semmai id-dritt li ghandu l-attur huwa li jiehu lura l-vetturi li jinsabu fil-pussess taghom ghalkemm huma qed jikkontestaw il-valur tal-vetturi, liema valur inghata minn l-attur arbitrarjament ghaliex fil-ftehim esebit ma hemm l-ebda valur indikat izda biss li hemm tpartit u ghalhekk in realta’ huma m’ghandhom jaghtu xejn.

Ma hemmx dubju li t-talba tal-attur hija bazata fuq tpartit li kellu jsir permezz tal-ftehim esebit u mmarkat bhala Dok A, liema tpartit spicca ma sarx.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Ili dwar il-kwistjoni ta’ inkompetenza *rationae valoris* wiehed irid jirreferi ghall-Artikolu 746 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u in partikolari ghall-kaz *de quo* wiehed jirreferi ghall-artikolu 748 li jiddisponi illi:-

*“Il-valur ta’ l-oggett fil-kawza hu, determinat mit-talba -*

a. *meta it-talba hija ghall-hlas ta’ somma determinata;*
b. *meta it-talba hija ghal haga li l-valur taghha huwa determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew b’ xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta’ kulhadd, jew bil-prezz korrenti.”*

lli dwar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, is-sentenza "**Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et"** (A.C. 7 ta' Ottubru 1997) sostniet li bhala regola *"il-kompetenza tal- Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha".* (vide anke f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Woodline Ltd. vs Forsite Design & Project Management Services Ltd)'.**

Illi ma dan pero' irid jigi kkunsidrat fl-ambitu tal-Artikolu 753 (2) li jiddisponi li "*meta it-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni*".

lli hekk fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine**" (A.I. (J.S.P) 31 ta' Lulju 1996) gie deciz illi:-

*"Il-kompetenza ma tiddependix bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi ukoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut (Vol. XXXVII.II.454). Jista' jigri infatti illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata entro il-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-obbligazzjoni principali (Vol. XXXVII C.I.512). Dan jista' jigri billi il-Qorti tigi necessarjament moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika it-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjoni bejn il-kontendenti li teccedi il-komptenza taghha. Dan ifisser illi f'kazijiet simili il-komptenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni in relazzjoni mal-obbligat".*

Illi dwar it-talba ta' l-attur ma hemmx dubju li t-talba tieghu hija limitata ghar-rikjesta tas-somma ta' €11,646.86 li skond hu hija dovuta skond il-ftehim Dok A u ghalhekk din

il-Qorti tqis li tali talba taqa' fil-komptentenza taghha peress li t-*talba hija ghall-hlas ta' somma determinata.*

Illi ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tezamina il-ftehim li ghamel referenza ghalih l-attur fir-rikors promotur u dan sabiex tara jekk it-talba tieghu hix gustifikata jew le.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**John Azzopardi vs George Zammit noe**', deciza nhar l-24 ta' April 2001 u dik fl-ismijiet '**Philip Micallef et vs Antoine Micallef'** deciza nhar l-24 a' April 2001 fejn inghad li:

"*Huwa mehtieg li sabiex konvenju jkun validu dan jigi redatt bil-miktub.*

*In oltre, dan ghandu jikkontjeni s-segwenti elementi:*

*(a) jirrispekkja l-volonta` tal-kontraenti riflessa fil-firem taghhom;*
*(b) jikkontjeni l-weghda ta' trasferiment li tkun tifforma l-oggett ta' dak il-ftehim;*
*(c) jidentifika dan l-oggett li kellu jigi trasferit*
*(d) jistipula t-titolu li bih ikun gie miftiehem li kellu jsir it-trasferiment u*
*(e) jindika l-prezz jew konsiderazzjoni miftehma li jistghu jkunu determinati jew determinabbli skond il-ftehim.*"

Jinghad ukoll li gie deciz li meta element essenzjali jkun irid jirrizulta minn skrittura, jekk tali element jonqos, provi testimonjali ma humiex ammissibbli biex jigi supplit l-element nieqes. Tali prova testimonjali hi lecita biss li ssir biex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju. *A contrario senso* jekk mill-konvenju ma jirrizultawx dawk l-obbligazzjonijiet tal-promessa, *ex actis*, l-iskrittura kellha titqies nieqsa mill-elementi essenzjali u ghalhekk tigi dikjarata bla ebda effett fil-ligi.

Illi minn ezami tad-dokument A li fuqu ibbaza t-talba tieghu l-attur, jirrizulta li dan hu ftehim ta' tpartit u li jirrigwarda t-trasferiment ta' immobli u ghalhekk jehtieg li jkun hemm procedura li ghandha tigi adoperata. L-attur

ma jistax jaghmel referenza ghal parti biss minn dan il-ftehim u jinjora il-kumplament u dan ghaliex il-Qorti tqisu bhala ftehim wiehed ta’ tpartit. Fl-ewwel lok fil-kitba hemm elementi neqsin, ghalkemm donnu l-attur fir-rikors promotur jaghti x’jifhem li kien hemm bejgh, fil-verita’ kien hemm tentattiv ta’ tpartit li ma rreajalizzax ruhu. Sabiex isir tpartit pero’ hemm bzonn li z-zewg partijiet ikunu iridu jgibu fis-sehh l-ftehim. Ta’ min ifakkar li l-konvenju huwa "obbligazzjoni bilaterali li tibqa' dejjem guridikament diviza b'zewg obbligazzjonijiet unilaterali li f'kull wahda minnhom hemm il-kreditur u d-debitur tal-obbligazzjoni, fis-sens illi hemm dak li jrid jippresta u hemm dak li jiehu l-beneficcju tal-prestazzjoni".

Fil-konvenju anness jidher li l-attur kien bi hsiebu jakkwista kamra il-Fgura u in kontro-kambio kien ghadda numru ta’ vetturi kif deskritti fl-iskrittura lill-konvenut, oltre li kien ser itih xi flus. Pero’ ma hemmx indikat il-korrespettiv tal-ogett li ser jigi skambjat. Huwa minnu li l-attur ghamel il-parti tieghu ghaliex fil-fatt il-karozzi jinsabu ghand il-konvenut, u tah ukoll xi kambjala, pero’ l-konvenut minn naha tieghu ma jistax jonora il-ftehim ghaliex l-kamra li obbliga ruhu li jaghti lill-attur fil-fatt ma hix tieghu izda hija ta’ terza persuna u ghalhekk l-konvenut zgur ma jistax jonora il-ftehim minn naha tieghu.

Il-Qorti ezaminat l-iskrittura u innutat li hemm hafna nuqqasijiet li jwasslu sabiex l-istess skritura m’ghandhiex ikollha validita’. Fl-ewwel lok trasferiment ta’ immobbli kif inhi il-kamra in dezamina ghandha issir permezz ta’ konvenju li ghandu jigi registrat. Il-Ligi tesigi li biex konvenju jigi konsidrat li hu validu, jrid jigi registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dawn il-provedimenti huma prevalentement ta’ natura fiskali u partikolarment huma intizi biex jigi assigurat li ma jkunx hemm bdil fil-kondizzjonijiet miftehma meta jkun qed jigi ffirmat il-konvenju u dawk li jitnizzlu fuq il-kuntratt definittiv ta’ bejgh, b’mod specjali ghal dak li jirrigwarda l-prezz, u dan bil-ghan li ma jigux evitati l-hlasijiet dovuti in relazzjoni tal-prezz tal-immobbli. Dan huwa rikjest *ad validitatem*.

Ghalhekk illum il-ġurnata sabiex konvenju ikun jista' jitqies

bħala wieħed validu f'għajnejn il-liġi, tenħtieġ li l-kundizzjonijiet naxxenti mill-**Artikolu 10 ta' l-Avviż Legali 7/2004** maħrug taħt il-Kap. 364 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti jigi segwit *ad unguem*.

Infatti l-**Artikolu 10** ta' dawn ir-regolamenti jistipula illi:

"(1*) Għall-fini tal-artikolu 3(6) ta' l-Att, il-persuna li qed tittrasferixxi u l-persuna li qed tirċievi jew ir-rappreżentant awtoriżżat minnhom, għandhom jagħtu avviż tal-konvenjurelattiv tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' proprjeta' immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha, lill-Kummissarju.*
*(2) L-avviż għandu jkun iffirmat mill-partijiet kollha fil-ftehim u jkun word processed jew miktub bl-ittri kapitali fil-forma murija u jkun fih it-taghrif meħtieġ fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regoli.*
*(3) Il-Kummissarju ma jaċċettax il-ħlas tat-taxxa proviżorja relattiva qabel ma dak l-avviż ikun ġie ppreżentat.*
*(4) Il-Kummissarju ma għandux jaċċetta dak l-avviż flimkien mal-ħlas relattiv jekk ma jkunx ġie ppreżentat fl-Uffiċċju tal-Kummissarju (Dipartiment tal-Capital Transfer Duty) fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata wara dik meta jsir il-konvenju tal-bejgħ jew ta' trasferiment ta' proprjeta' immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha*."

Illi minn dan kollu pero' ma sar xejn. Fil-fatt jinghad li f'dan il-konvenju lanqas ma hemm deskrizzjoni tajba tal-immobli li ghandu jigi trasferit jew addiritura il-valur li qed jinghata lill-tali immobli u ghalhekk dan il-ftehim zgur li huwa null u bla efett u ghalhekk l-attur ma jistax jibbaza il-pretensjonijiet tieghu a bazi ta l-istess. Jinghad li anke fejn jirrigwarda it-trasferiment tal-vetturi ma hemmx referenza ghal xi valur. Il-prezzijiet tal-vetturi gew moghtija minn xhud ex parte Anthony Vassallo li kien gie inkarigat mill-attur sabiex jaghti stima, liema stima ma jistax jinghad li qatt giet accettata mill-konvenut, u zgur ma tifformax parti mill-ftehim esebit u mmarkat bhala Dok A.

**Illi ghalhekk in vista tan-nullita' tal-att Dok A, il-Qorti tiddikjara li qed tichad l-ewwel eccezzjoni tal-**

**konvenut u tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra b'dan illi tichad it-talba attrici u tiddikjara li l-azzjoni kif migjuba mill-attur fid-dawl tas-suespost ma tistax tirnexxi.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------